**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 20 ta' Diċembru, 2017**

Kawza Numru: 18/2017MS

Francesco Azzopardi

Vs

Marita Grech

It-Tribunal,

Ra' l-avviz ipprezentat mill-attur fid-29 ta' Marzu 2017 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lill-konvenuta l-ammont ta' elf u mitejn Euro, hsarat ikkawzati minnha fil-propjeta' tal-attur Block HA, Triq tac-Cawla, Victoria Ghawdex, f'Settembru 2016.

Ra' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn dina eccepiet illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi;

1) d-danni sofferti mill-attur gia gew likwidati b'mod definittiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrat (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar 2017.

2) minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont ta' danni reklamati huma zbaljati u esagerati u assolutament ma kienx minnu li r-rikorrent sofra l-ammont reklamat minnu.

3) wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-kaz li t-Tribunal jidhirlu li hemm xi danni li ghandhom jigu likwidati, l-ammont gia stabbilit mill-Qorti tal-Magistrati ghandu jonqos mill-ammont allura likwidat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tal-14 ta' Lulju 2017 fejn il-partijiet talbu l-allegazzjoni tal-kawza kriminali numru 746/2016 - Il-Pulizija vs Marita Grech, deciza fl-10 ta' Jannar 2017.

Ra' d-dikjarazzjoni tal-partijiet fl-istess verbal, fejn wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali fuq imsemmija, il-konvenuta hallset l-ammont ta' mitejn Euro deciz arbitrio bono viri mill-Qorti Kriminali.

Ra’ illi l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni fuq l-eccezzjoni tal-konvenuta.

Sema’ t-trattazjoni fis-seduta tat-2 ta’ Novembru 2017.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi b’din l-eccezzjoni, l-konvenuta qieghda targumenta illi la darba d-decizjoni tal-Qorti Kriminali ghaddiet in gudikat u din ordnat thallsilha l-ammont ta’ mitejn Euro kwindi dan il-meritu gie ezawrit u dan it-Tribunal ma jistax jikkundanna somma akbar minn dak stabbilit mill-Qorti Kriminali.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma’ dan l-argument. Il-kawza kriminali kontra l-konvenuta giet istitwita mill-Pulizija biex twiegeb ghall-akkuzi ta’ indoli kriminali li jirrigwardaw hsara volontarja u li kkawzat biza li ser tintuza vjolenza kontra l-attur. Minn ezami akkurat tal-atti ta’ dan il-process jidher illi l-Qorti Kriminali iddecidiet il-kawza wara li semghet ix-xhieda u l-ammissjoni tal-imputata fuq l-ewwel imputazzjoni u imponiet ic-cifra ta’ mitejn Euro fuq l-intimata biex jithallsu lil parte civili u cjoe’ lil Frangisku Azzopardi.

Il-Qorti tal-Magistrati ma tghidx taht liema indoli dawn il-mitejn Euro kellhom jithallsu u terga' lanqas ma setghet tghid jekk dan il-hlas kellux ikun ghas-saldu jew le, peress illi dana huwa kompitu ta’ Qorti Civili u mhux ta’ Qorti Kriminali. Di piu, it-Tribunal jinnota illi fil-komparixxi nghata digriet fl-10 ta’ Jannar 2017, fejn l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta’ Marita Grech ghal dak li jirrigwarda l-valur, il-kliem ‘ma jiskorrix’ gew kancellati u sostitwiti bil-kelma ‘jiskorri’, kif konfermat bil-verbal tal-istess seduta. Din il-korrezzjoni tidher fil-parti narrativa tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-10 ta’ Jannar 2017, pero fid-decide l-kelma ‘jiskorri’ giet mibdula ghal ‘ma jiskorrix’, kif kienet originarjament fil-komparixxi u kancellata bid-digriet fuq imsemmi. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghaliex sar dan il-bdil u ghalhekk m’huwiex car ghal x’hiex kienet qed tammetti l-allura imputata Marita Grech. Dana jinduci lit-Tribunal jikkonkludi li kwalunkwe pagament maghmul taht l-iskorta tas-sentenza fuq imsemmija ma kienx wiehed ghas-saldu jew kienx jirrifletti effettivament id-danni sofferti mir-rikorrent. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-eccezzjoni tal-intimat m’ghandhiex fondament legali u jisthoqq li tkun michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni preliminari maghmula mill-intimat u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*